



Appoġġ għall-Konformità

L-għoti tas-setgħa lill-kumpaniji biex jikkonformaw mar- regolamenti dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali

Iż-żamma mar-rekwiżiti li qed jevolvu dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH) tista' tkun ta' sfida, speċjalment għall-intrapriżi mikro u żgħir (MSEs).

Il-programm ta' riċerka tal-EU-OSHA ddedikat għat-titjib tal-konformità mar-regolamenti dwar l-OSH ifittex li joffri klima li tinkoraġġixxi, tappoġġa u tassisti lill-organizzazzjonijiet biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Il-proġett joffri inizjattivi u strateġiji innovattivi li jistgħu jiġu assimilati fil-kultura organizzazzjonali ta' kumpanija sabiex jiġi żgurat il-benesseri tal-ħaddiema.

Skopri l-elementi ewlenin

L-influenza tas-suq

Filwaqt li tisfrutta l-potenzjal tal-katina tal-provvista, ir-riċerka tidħol fir-relazzjonijiet bejn ix-xerrejja u l-bejjiegħa biex ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol. Billi tespandi l-enfasi lil hinn mir-relazzjonijiet ta' impjeg tradizzjonali, l-EU-OSHA għandha l-għan li tiżgura l-benesseri tal-ħaddiema u prattiki tajba tal-OSH. Żewġ setturi huma fil-fokus: l-agroalimentari (5.5 % tal-PDG tal-UE u 23 miljun ħaddiem) u l-kostruzzjoni (9 % tal-PDG tal-UE, 16-il miljun ħaddiem).

L-influenza tal-istat

Ir-riċerka tenfasizza l-ħtieġa li s-servizzi "tradizzjonali" ta' infurzar u prevenzjoni b'mandat mill-istat jiġu kkombinati ma' approċċi innovattivi oħra. Għandha l-għan li tindirizza r-riskji emerġenti u tiproteġi

gruppi vulnerabbli ta' ħaddiema u tenfasizza l-importanza ta' metodi effiċjenti fl-indirizzar ta' forum ta' xogħol ġodda u diffiċli biex jintlaħqu, bħax-xogħol fuq il-pjattaformi.

L-impatt tal-COVID-19

L-EU-OSHA tanalizza l-impatt profond tal-pandemija fuq il-konformità mal-OSH, b'mod partikolari minħabba t-trasformazzjoni rapida tal-post tax-xogħol. Bl-integrazzjoni tat-tagħlimiet meħuda minn din il-kriżi bla preċedent, l-għan tal-Aġenzija huwa li tikkontribwixxi għall-proċess tat-tfassil tal-politika u ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-benesseri tal-ħaddiema. Din it-taqsimha tal-programm pereżempju titfa' dawl fuq il-ktajjen tal-provvista fis-setturi agroalimentari u tal-kostruzzjoni, peress li l-ħaddiema tagħhom kienu fost l-aktar affettwati mill-COVID-19.

Il-konformità mar-regolamenti dwar is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali mhux biss issalva l-ħajjiet u tiżgura li l-postijiet tax-xogħol ikunu sikuri, iżda ttejjeb ukoll il-produttività u tkun tajba għan-negozju!



Pubblikkazzjonijiet relatati

Iċċekkja l-pubblikkazzjonijiet relatati tal-EU-OSHA u skopri informazzjoni intuwwittiva dwar l-iżgurar tal-konformità mar-regolamenti dwar l-OSH.